MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 991/2003

**General Plastics Ltd**

**Vs**

**Charles Sammut f'ismu u in rapprezentanza ta' N.C. Services**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Peress illi l-konvenut u s-socjeta' konvenuta huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hames t'elef hames mija u erbatax il-lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm5,514.32), rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija fornita mis-socjeta' attrici, lill-konvenut u lill-ente kommercjali konvenuta, skond kopji ta' fatturi hawn annessi markati –

Dok. GP1, Dok. GP2, Dok. GP3, Dok. GP4, Dok. GP5, Dok. GP6, u Dok. GP7.

Peress illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu anke permezz ta’ ittri nterpellatorji datati 15 ta’ Novembru, 2000 u 18 ta’ Gunju, 2003, id-debituri baqghu ndempjenti.

Peress li l-kreditu huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet validi fil-ligi biex jopponu d-domanda.

Jghidu l-konvenuti f’isimhom proprio et nomine ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tordna li l-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smiegh, skond l-artikolu 167 tal-Kap. 12.

2. Tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine solidament li jhallsu s-somma ta’ hames t’elef hames mija u erbatax il-lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm5,514.32), rapprezentanti merkanzija mibjugha lilhom, skond il-fatturi fuq indikati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-itttri nterpellatorji tal-15 ta’ Novembru, 2000 u tat-18 ta’ Gunju, 2003, u bl-imghax kommercjali mid-data ta’ kull konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, l-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni**;**

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------